A.L. 49 ta' l-1987

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI)

BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' Lm2,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986/87

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm2,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986/87 li għandu jitħallas lura fit-18 ta' Ottubru, 1987, jista' jinbidel fi stock reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Lm2,000,000 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986/87 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1993/94 bis-6¼% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-istock.

1. (a) L-*istock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* għal dawk li diġà għandhom 6¼% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986/87 jifthu fid-9 ta' fil-għodu it-Tnejn, is-7 ta' Settembru, 1987, u jagħlqu f'nofs in-nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Settembru, 1987.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-*iStock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1993/94 bis-6¼% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, il-5 ta' Ottubru, 1987, u nofs in-nhar tal-Ġimgħa, id-9 ta' Ottubru, 1987, jew qabel jekk l-*istock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-istock tkun ta' Lm2,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-18 ta' April u fit-18 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-*istock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.12,5 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-18 ta' Ottubru, 1987, u s-17 ta' April, 1988, għandu jsir fit-18 ta' April, 1988.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm20,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-18 ta' Ottubru, 1987.

Fidwa ta' stock.

5. L-*istock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1993 u l-31 ta' Diċembru, 1994 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.